**Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2012/2002 sabiex tingħata assistenza finanzjarja lill-Istati Membri biex tkopri l-piż finanzjarju serju impost fuqhom wara l-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni mingħajr ftehim"**

*(COM(2019) 399 final — 2019/0183 (COD))*

(2020/C 14/12)

Relatur ġenerali: **Ioannis VARDAKASTANIS**

| | |
|---|---|
| Konsultazzjoni | Kunsill tal-Unjoni Ewropea, 13.9.2019<br>Parlament Ewropew, 16.9.2019 |
| Bażi legali | L-Artikoli 175(3) u 304 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea |
| Sezzjoni kompetenti | Sezzjoni għall-Unjoni Ekonomika u Monetarja u l-Koeżjoni Ekonomika u Soċjali |
| Deċiżjoni tal-Bureau | 24.9.2019 |
| Adottata fil-plenarja | 25.9.2019 |
| Sessjoni plenarja Nru | 546 |
| Riżultat tal-votazzjoni<br>(favur/kontra/astensjonijiet) | 144/0/6 |

1. **Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet**

1.1. Il-KESE jemmen li l-prinċipji tas-solidarjetà u s-sussidjarjetà huma essenzjali għall-funzjonament tal-Unjoni Ewropea. Huwa importanti, għalhekk, li fil-każ li r-Renju Unit joħroġ mill-UE mingħajr ftehim fil-31 ta' Ottubru, l-Istati Membri kollha jibqgħu magħquda u jiffaċċjaw il-konsegwenzi u l-isfidi ta' din id-deċiżjoni flimkien.

1.2. Il-KESE jifhem li l-proposta hija parti minn pakkett ta' miżuri ta' kontinġenza għall-irtirar tar-Renju Unit mingħajr ftehim, li ġie adottat mill-Kummissjoni fl-4 ta' Settembru 2019 wara sejħa mill-Kunsill Ewropew biex jiġu esplorati l-possibbiltajiet kollha għal fondi eżistenti li għandhom jintużaw biex jgħinu biex jittaffew il-piżijiet finanzjarji potenzjali fuq l-Istati Membri.

1.3. Il-KESE jaqbel maż-żieda mar-Regolament li jistabbilixxi l-Fond ta' Solidarjetà tal-UE bl-istipulazzjoni li l-kunċett ta' "diżastri maġġuri" ikopri diżastri naturali kif ukoll sitwazzjonijiet fejn isir piż finanzjarju serju fuq Stat Membru bħala konsegwenza diretta tal-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni mingħajr ftehim, sakemm dan jibqa' avveniment ta' darba fil-limitu ta' żmien sal-2020.

1.4. Il-KESE jipproponi li l-Kummissjoni tikkunsidra li toħloq strument tal-UE li jista' jindirizza sitwazzjonijiet politiċi u kriżijiet bħal dawn fil-futur. Madankollu, jekk strument ġdid bħal dan jiddaħħal fis-seħħ, għandu jkun biss għal sitwazzjonijiet eċċezzjonali u jiġi deċiż formalment, każ b'każ. Il-kundizzjonijiet speċifiċi li għalihom jista' jingħata kumpens għandhom jiġu definiti b'mod ċar.

1.5. Il-KESE jemmen bis-sħiħ li l-Kummissjoni għandha tieħu l-passi kollha meħtieġa biex tiżgura li l-estensjoni tal-ambitu ma twassalx għal sitwazzjoni li tpoġġi f'riskju l-kapaċità tal-Fond ta' Solidarjetà tal-UE (FSUE) li jirreaġixxi għal avvenimenti mhux previsti konnessi ma' diżastri naturali.

1.6. Il-KESE jemmen li d-data prevista tal-30 ta' April 2020 hija pjuttost tard u għalhekk jappella lill-Kummissjoni tħaffef il-proċedura għad-deċiżjonijiet dwar il-mobilizzazzjoni tal-fondi fil-każ li r-Renju Unit joħroġ mill-UE mingħajr ebda ftehim.

1.7. Il-KESE jilqa' ż-żieda fil-ħlasijiet bil-quddiem mil-livell attwali ta' 10 % tal-ammont mistenni għal 25 %, iżda jeħtieġ li jsir aktar sabiex ir-rispons ikun rapidu u effettiv.

1.8. Il-KESE jqis li l-Kummissjoni għandha tagħti attenzjoni partikolari lill-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs), peress li dawn huma l-aktar vulnerabbli għall-isfidi tal-Brexit.

## 2. Kummenti ġenerali

2.1. Il-Fond ta' Solidarjetà tal-UE nħoloq fl-2002 biex jappoġġja lill-Istati Membri u lill-pajjiżi ta' adeżjoni f'sitwazzjonijiet ta' diżastri kbar ikkawżati minn avvenimenti naturali bħal għargħar, maltempati, terremoti, żbroffi ta' vulkani, nirien fil-foresti jew nixfiet. Tista' tiġi mobilizzata wara applikazzjoni mill-pajjiż ikkonċernat jekk id-diżastru jkun ta' dimensjoni li tiġġustifika intervent fil-livell Ewropew.

2.2. Il-KESE jaqbel li l-FSUE huwa espressjoni tanġibbli tas-solidarjetà tal-UE, fejn l-Istati Membri jibqgħu magħqudin u jaqblu li jappoġġjaw lil xulxin billi jagħmlu disponibbli riżorsi finanzjarji addizzjonali permezz tal-baġit tal-UE.

2.3. Mill-1 ta' Novembru 2019, ir-Renju Unit se jkun pajjiż terz sakemm ma jirratifikax il-Ftehim dwar il-Ħruġ sal-31 ta' Ottubru 2019 jew jitlob it-tielet estensjoni, li l-Kunsill Ewropew (Artikolu 50) jaqbel magħha b'mod unanimu.

2.4. F'każ li r-Renju Unit joħroġ mill-UE mingħajr ftehim, il-liġi primarja u sekondarja kollha tal-UE ma tibqax tapplika għaliha minn dak il-mument 'il quddiem. M'hu ħa jkun hemm l-ebda perjodu ta' tranżizzjoni, kif previst fil-Ftehim dwar il-Ħruġ. Dan se jikkawża ħsara sinifikanti liċ-ċittadini, lin-negozji u lis-servizzi pubbliċi u se jkollu impatt ekonomiku u finanzjarju serju.

2.5. Il-KESE jemmen li filwaqt li Brexit mingħajr ftehim se jkun avveniment ta' darba, l-effetti ta' tfixkil tiegħu jistgħu jikkostitwixxu diżastru kbir. Għalkemm huwa diffiċli li wieħed jivvaluta eżattament, se jkollu impatt sinifikanti fuq l-ekonomija, is-suq tax-xogħol u l-finanzi pubbliċi, speċjalment fuq medda qasira ta' żmien. Barra minn hekk, huwa ġust li wieħed jassumi li xi setturi u oqsma u xi Stati Membri jistgħu jiġu affettwati aktar minn oħrajn fil-każ ta' ħruġ mingħajr ftehim. Il-KESE jemmen li jkun ġustifikat li jiġi invokat il-prinċipju tas-solidarjetà, flimkien mal-prinċipju tas-sussidjarjetà, sabiex jitnaqqsu dawk l-effetti.

2.6. Għalhekk, il-KESE jilqa' l-proposta li jiġi emendat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2012/2002 tal-11 ta' Novembru 2002 li jistabbilixxi l-Fond ta' Solidarjetà tal-UE ([1]) sabiex jiġi estiż il-kamp ta' applikazzjoni tiegħu biex ikopri ċerti tipi ta' nfiq pubbliku addizzjonali u jitwessa' l-kunċett ta' "diżastri maġġuri" biex jiġu koperti mhux biss diżastri naturali iżda wkoll sitwazzjonijiet fejn ikun hemm piż finanzjarju serju fuq Stat Membru bħala konsegwenza diretta tal-ħruġ tar-Renju Unit mingħajr ftehim. Peress li din hija sitwazzjoni ta' darba, l-approprjazzjonijiet disponibbli għal dan il-għan iridu jkunu limitati għal nofs l-ammont massimu disponibbli għas-snin 2019 u 2020.

## 3. Kummenti speċifiċi

3.1. Il-KESE kien favur l-FSUE minn meta ġie propost għall-ewwel darba u ħeġġeġ lill-Kummissjoni biex tagħmel l-emendi kollha meħtieġa sabiex il-fond ikun jista' jsir mekkaniżmu ta' appoġġ aktar effettiv għall-Istati Membri, il-pajjiżi kandidati u l-pajjiżi ġirien fil-każ ta' diżastru naturali.

3.2. Il-KESE jaqbel mal-estensjoni tal-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament, u jwissi li dan għandu jibqa' avveniment ta' darba. Għaldaqstant, il-KESE jipproponi li jiġi kkunsidrat il-ħolqien ta' strument tal-UE li jista' jindirizza sitwazzjonijiet politiċi u kriżijiet bħal dawn fil-futur.

3.3. Il-KESE huwa tal-fehma li l-Kummissjoni għandha tieħu l-passi meħtieġa biex tiżgura li l-estensjoni tal-kamp ta' applikazzjoni ma twassalx għal sitwazzjoni fejn ma titqegħidx fir-riskju l-kapaċità tal-FSUE li jirreaġixxi għal avvenimenti mhux previsti konnessi ma' diżastri naturali.

3.4. Il-KESE jifhem li l-limitu massimu ta' EUR 1,5 biljun fi prezzijiet tal-2011 jew 0,3 % tal-ING sabiex l-Istati Membri jkunu eliġibbli biex japplikaw għal assistenza ġie stabbilit b'tali mod li jiġu ppreżentati każijiet fejn l-Istat Membru inkwistjoni ma jistax iġorr waħdu l-piż finanzjarju li huwa sofra ("piż finanzjarju serju").

3.5. Il-KESE jistieden lill-Kummissjoni tipprovdi abbozz ta' linji gwida biex tgħin lill-Istati Membri jikkalkulaw il-piż finanzjarju serju kkawżat minn Brexit mingħajr ftehim.

([1]) ĠU L 311, 14.11.2002, p. 3.

3.6. Il-KESE jappella lill-Kummissjoni tħaffef il-proċedura għad-deċiżjonijiet dwar il-mobilizzazzjoni tal-fondi. Huwa jemmen li d-data prevista tat-30 ta' April 2020 hija pjuttost tard.

3.7. Il-KESE jemmen li ż-żieda fil-ħlasijiet bil-quddiem mil-livell attwali ta' 10 % tal-ammont mistenni għal 25 %, hija pass wieħed biex titħaffef il-proċedura, iżda jeħtieġ li jsir aktar sabiex ir-rispons ikun rapidu u effettiv.

3.8. Il-KESE jitlob li jittieħdu passi biex jiġi żgurat li, wara l-emenda parallela relatata mal-Brexit għall-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (FEG), ma jkun hemm l-ebda duplikazzjoni mar-rimborżi tal-FSUE, peress li dan jista' jwassal għal duplikazzjoni tal-fondi.

3.9. Il-KESE huwa tal-fehma li l-ispiża ekonomika ta' Brexit mingħajr ftehim se tkun partikolarment għolja għal setturi li huma l-aktar esposti għar-Renju Unit. Dan jista' jkun il-każ, pereżempju, għall-esportaturi agroalimentari li għandhom fil-mira s-suq tar-Renju Unit, in-negozji tas-sajd li jiddependu fuq l-aċċess għall-ilmijiet tar-Renju Unit, u negozji turistiċi f'reġjuni li huma popolari mat-turisti mir-Renju Unit. Għandha tingħata attenzjoni speċjali għal tali problemi u għandhom jiġu mmobilizzati allokazzjonijiet xierqa għat-tnaqqis ta' dawn l-effetti.

3.10. Il-KESE jqis li s-soċjetà ċivili organizzata għandha taqdi rwol essenzjali fid-determinazzjoni tal-effetti kkawżati minn Brexit mingħajr ftehim. Il-Kummissjoni għandha tinkoraġġixxi lill-Istati Membri biex jikkonsultaw lill-organizzazzjonijiet rilevanti meta jkunu qed iħejju l-applikazzjonijiet.

Brussell, il-25 ta' Settembru 2019.

*Il-President*
*tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew*
Luca JAHIER